**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2023**

**Rikors numru: 4/2023 AGV**

**GP**

**Vs**

**NP nee' E**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta GP datat 6 ta' Jannar 2023;**

**Jesponi bir-Rispett;**

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta Mejju fis-sena 2009 f' Londra, l-Ingilterra kopja awtentika tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat DOK CERT

illi permezz ta kuntrat pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Saydon fid-29 ta April 2021, kopja awtentika tal-istess hawn immarkat DOK A il-partijiet ikkonkludew separazzjoni personali minn xulxin.

Illi kif jirrizulta mill-imsemmija annessa kuntrat ta‘ separazzjoni personali (ara t-tieni pagna tal-istess) l-istess partijiet ilhom de facto separati sa mis-sena 2017.

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi minbarra li ilhom hafna snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin.

Illi llum l-partijiet m'ghandhom ebda pendenza ma xulxin rigward manteniment jew aspett patrimonjali.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta divorzju skond l-Artilolu 66 tal-Kapitlou 16 tal-Ligijiet ta Malta u fic-cirkostanzi ghalhekk, mhux mehtiega li ssir medjazzjoni bejnithom.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitolbu bir-rispett illi a tenur tad-dispozizzjonijet tal-artiklou 66 B tal Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta illi Dina l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub l-Artiklou 66 C tal-Kapitolu 66 B tal-Ligijiet ta Malta.

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imesmmi Artiklou 66C TAL-Ligijiet ta Malta

2. Tordna r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f' terminu perentrju ffissat minn Din l-Onorabbli Qorti javza lid-Diretur tar-registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fl-istess Registru ai termini tal Artikolu 66 A tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.

**Bl-ispejjez.**

Rat li l-intimata m'ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 21 ta' Mejju 2009.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**